**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Ottubru, 2015**

Talba Nru: 145/2015JB

Numru 10

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Antoine Barun**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-25 ta' Frar 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u wiehed u ghoxrin euro u tlieta u tletin centezmu (€921.33). Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 675/2013 u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti kif jirrizulta mir-riferta a fol 9 tal-process u mix-xhieda ta' Reno Spiteri, marixxal tal-Qorti, mehuda fis-seduta tal-lum stess, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghas-seduta tal-lum, deher biss Marvin Sapiano in rapprezentanza tas-Socjeta Attrici li kkonferma bil-gurament il-pretensjoni hekk kif dedotta;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:
>
> (b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u ddisposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut wera kontumelja assoluta meta ghad li kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh, naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduti. Mill-banda 'l ohra, s-Socjeta Attrici bil-gurament tar-rapprezentant taghha, irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta' €921.33 bl-imghax legali skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri, kif mitluba fl-avviz jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*